KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 60**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh, nhar it-Tlieta 8 ta' Jannar 2019.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Vici Sindku
Antonello Cuschieri – Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 60.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 59 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**60.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

60.2.1 Is-Sindku Christian Sammut infurma li x-xogħlijiet fuq il-letrina tlestew u se tiġi inawgurata nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Jannar 2019 f'Nofsinhar.

60.2.2 Is-Sindku Christian Sammut nfurma li Pjazza Kappillan Muscat tinsab lesta. Kulma fadal huwa l-installar ta' bankijiet u bins u l-istatwa mistennija tkun postha għal Marzu.

60.2.3 Is-Sindku nfurma li matul din il-ġimgħa kien hemm inċident fil-Carpark fejn xi tfal fetħu l-extinguishers fuq il-karozzi. Is-Sindku nfurma li t-tfal ġew identifikati u qed tittieħed azzjoni mill-Pulizija.

60.2.4 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk saritx il-laqgħa ma' Greenpak dwar l-addizzjoni ta' ġurnata oħra għall-ġbir ta' skart riċiklat. Is-Sindku nfurmah li għad ma sarx appuntament.

60.2.5 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk sarx ftehim ma' Audio Works dwar il-platforms. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tistenna risposta mingħand Mario Camilleri

**60.3 Milied 2018**

60.3.1 **Is-Sindku Christian Sammut** nfurma li fl-okkażjoni tal-Milied'18 iżżejnu bosta toroq u pjazez. Sfortunatament il-kompetizzjoni tal-Milied ma' saritx għax ma kienx hemm konkorrenza. Is-Sindku nfurma li għat-tielet sena konsekuttiva nżamm il-kunċert tal-Milied mill-Orkestra tal-Junior College, liema kunċert kien tajjeb ħafna, iżda l-attendenza tista' dejjem titjib.

**60.4 Performance Appraisal – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Is-Sindku Christian Sammut** poġġa fuq il-mejda l-Performance Appraisal Report tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva b'mod unanimu li l-Kunsill

jirrakkomanda lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tingħata l-10% Performance Bonus għall-ħidma mwettqa matul is-sena 2018.

**60.5 Komunikazzjoni Sotto Kumitati**

60.5.1 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma fi Triq Santa Marija għadhom għaddejjin, wara li l-kuntrattur waqaf għall-festi tal-Milied. Wara x-xogħol jitkompla fi Triq San Gwann.

60.5.2 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma li għadhom qed jistennew l-istimi tas-CCTV Cameras.

60.5.3 **Is-Sindku Christian Sammu**t infurma li l-Kunsill qed jistenna d-dokument finali mingħand l-Accountant tal-Kunsill.

60.5.4 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma li bħala proġetti għas-sena d-dieħla se jsiru xogħlijiet fuq il-bankini fi Triq il-Ferrovija, Triq Mile End u Triq Patri Magri.

60.5.5 **Is-Sindku Christian Sammut** nfurma li s-Sibt, 12 ta' Jannar se jsir ir-riċeviment tal-Milied għall-membri u l-istaff, fejn inġabru l-istimi u ntagħżel l-istima tal-Istazzjon Restaurant. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li hu ġie nfurmat mill-istaff b'dan ir-riċeviment u jħoss li l-Kunsill għandu jorganizza ikla u mhux stand up party. Is-Sindku spjega li l-idea ta' stand up party hija sabiex tagħti ċ-ċans li kulħadd jitħallat ma' kulħadd.

60.5.6 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma li fi Triq Ħal Qormi qed ikun hemm diżastru bl-ammont ta' rimi ta' skart li qed ikun hemm ħdejn l-iskips. Hu nfurma li qed isiru diskussjonijiet sabiex il-cameras installati mill-Cleansing Department jingħata aċċess lill-Kunsill sabiex ikun possibli li tittieħed azzjoni b'mod immedjat. Is-Sindku spjega li biex dan isir, jeħtieġ li jiġi nstallat 3G internet data li jiswa €500 fis-sena. **Il-Kunsill approva din l-ispiża.**

60.5.7 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** infurma li l-Kunsill Lokali tat-Tfal ġie mistieden mill-Hamrun Spartans Footbcall club sabiex jattendu mat-tfal tan-Nursery għal-logħba Ħamrun Spartans vs Floriana li se tintlagħab nhar il-Ġimgħa, fejn it-tfal se jiddaħħlu l-ground mingħajr ħlas.

60.5.8 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma li l-attivitajiet relatati mal-festi tal-Milied, organizzati mill-Kunsillier Carmen Borg, kienu suċċess u dawk preżenti ħarġu sodisfatti ħafna bl-organizzar.

60.5.9 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma li matul il-ġimgħa li għaddiet inżammet ukoll iż-żjara tal-Maġi fil-Presepju Ħal mtella' mill-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani.

60.5.10 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma li nhar it-2 ta' Frar se tinżamm Diplomatic Tour, fejn għaliha jattendu madwar 25 barrani fejn iżuru postijiet ta' nteress fil-lokalita', filwaqt li jagħti idea tal-kultura maltija lil dawn il-persuni diplomatiċi. Is-Sindku spjega li l-persuna responsabbli minn dawn it-tours għandha kuntatti tajbin ħafna fejn jistgħu jiġu organizzati tours simili fil-futur.

60.5.11 **Il-Kunsillier Antonello Cuschieri** nfurma lill-membri li qed ikollu bosta lmenti dwar abbuż ta' parking illegali fi Triq San Vinċenz u talab l-intervent tal-Pulizija u Uffiċjali tal-Komunita' sabiex jagħmlu site inspections u jħarrku dawn l-abbużi.

60.5.12 **Il-Kunsillier Antonello Cuschieri** nfurma li minkejja l-fatt li sar xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Roger Debattista ma Triq it-Tramm, xorta waħda hemm problemi ta' magħqad tal-ilma.

60.5.13 **Is-Sindku Christian Sammut** staqsa lill-membri jekk kellux xi lmenti dwar it-tqassim tal-magazine tal-Kunsill. Dan minħabba l-fatt li s-servizz ta' Maltapost m'għadux tollerabbli u l-Kunsill għandu jevalwa l-idea li t-tqassim jiġi offrut lill-għaqdiet lokali.

**60.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**60.8 Korrispondenza**

**60.8.1 Talba għall-estensjoni ta' Special Vacation Leave mill-uffiċjal fi Skala 13**

Il-Kunsill approva t-talba li l-uffiċjal fi Skala 13 jingħata s-siegħat mitluba ta' vacation leave.

**60.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 22 ta' Jannar fis-6.00p.m.

Konfermati, illum, ***it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2019***

| | |
|---|---|
| ***Iffirmata*** | ***Iffirmata*** |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |